**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 41 – IT-TNEJN, 9 TA' MARZU 2015 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku (7.30pm) |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | | |
|---|---|---|
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

Il-laqgha ġiet sospiża biex niltaqgħu mal-Membru tas-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ tal-Kunsill. Il-laqgħa kompliet fis-6.15pm.

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 41**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafy 7.6 għandha tinbidel is-sentenza qabel tal-aħħar għal "Is-Sur Micallef ippropona żewġ kandidati għal Mertu San Ġwann u s-Sur Cassar ippropona ieħor".

1.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-minuti**

2.1 Rigward paragrafu 5.3 il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsill skont il-Collective Agreement dawk il-ħaddiema li ilhom 5 snin fis-skala 11 jistgħu jingħataw progression għal skala 10. Ġie deċiż li tiġi kkjarifikata jekk din hiex obbligu tal-Kunsill u jekk din tridx tingħata back dated għal meta ġie ffirmat il-Collective Agreement.

Is-Sur Trevor Fenech skuża ruħu mil-laqgha fis-6.32pm

2.2 Rigward paragrafu 7.2 ġie deċiż li ssir talba lir-Reġjun Ċentrali biex ikun hemm aktar preżenza tal-Green Wardens f'San Ġwann. Il-Kunsilliera għandhom jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv b'hot spots madwar il-lokal.

**3 Pagamenti Numru 35**

3.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Korrispondenza**

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward ittra minn resident minn Ta' Żwejt. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lil TM biex issir crash barrier fi Vjal ir-Riħan kantuniera ma' Triq George Tayar. Rigward il-One Way implimentata fi Triq George Tayar u Triq Oreste Kirkop, ir-resident għandu jiġi nfurmat li din saret wara petizzjoni minn residenti u ġiet approvata minn TM.

4.2 Ġiet innutata ittra minn San Ġwann Football Club rigward tournament li jiġi organizzat flimkien mal-Kunsill. Din ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti.

4.3 Ġie innutat invit mid-Dipartiment tal-Agrikoltura biex il-Kunsill jieħu sehem bi stand fl-Imnarja. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jieħux sehem.

4.4 Kien hemm diskussjoni fuq korrispondenza minn residenti tal-Kappara mgħoddija lill-Kunsill permezz taċ-Ċhairman tal-Kappara. Ġie innutat li ser jerġa' jkun hemm applikazzjoni għal skola fi Triq il-Virdun. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li l-Kunsill iżomm l-istess pożizzjoni u joġġezzjona għal din. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' nforma lill-Kunsill li hemm bżonn jitwaħħal bin fil-parti ta' barra ta' Triq tal-Ibraġ. Ġie innutat li din il-parti tat-triq ser tibda titnaddaf kull ġimgħa. Ġie deċiż li dan il-bin ma jitwaħħalx għax jista' jiġi vandalizzat.

**5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-budget għas-sena 2015. Is-Sinjura Joan Farrugia ppproponiet li jiġi approvat dan il-budget. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis daħal għal-laqgħa fis-7.30pm.

5.2 Wara diskussjoni, ġie deċiż li l-Laqgħa Annwali ssir nhar it-Tnejn, 6 ta' April 2015 fis-7.00pm.

5.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara konsiderazzjoni hu ser jerġa' jbiddel xi karigi. Is-Sur Neville Mallia ser ikun responsabbli mill-linji u t-tabelli tat-toroq u s-Sinjura Rita Saliba ser tkun responsabbli minn siti storiċi u kultura. Il-Kunsillier Rita Saliba avzat li ser taghti risposta iktar tard.

5.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għamel kuntatt mal-Ministru rigward il-progress tal-applikazzjoni għal proġett tal-Ġnien Karin Grech. Hu kompla billi qal li ġie nfurmat li l-MEPA talbet xi kjarifiċi lill-Ministru fuq l-applikazzjoni. Il-Ministeru għandu jinforma lill-Kunsill bi żviluppi.

5.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar jaf minn fuq il-gazzetta li l-Kunsill ma ġiex approvat għall-iskema Proġetti Kapitali għall-Proġett propost ta' Triq il-Mensija.

**6 Aġġudikazzjoni tat-Tenders**

Is-Sinjura Marica Bayliss skużat ruħha mil-laqgħa peress li ddikjarat konflitt ta' interess.

6.1 SGLC/Q/01/15 Servizz ta' Electrician. Is-Sindku ppropona li tintgħażel l-offerta ta' Infogadt peress li din hija l-irħas offerta. Is-Sur Malcolm Abdilla ssekonda. Kien hemm 5 Favur u 2 Astensjoni.

Is-Sinjura Marica Bayliss reġgħet daħlet għal-laqgħa.

6.2 SGLC/T/02/15 Manutenzjoni. Il-Kunsill innota r-risposta tal-Perit tal-Kunsill li r-rati taż-żewġ offerti kienu norma fl-industrija. Għalhekk is-Sindku ppropona li tiġi magħżula l-offerta tas-Sur Mario Mallia li kienet l-irħas offerta. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

6.3 SGLC/T/03/15 Sweeping and Cleaning Zone A. Kien hemm diskussjoni rigward is-seba' offerti li rċieva l-Kunsill u kien hemm qbil li għandhom jiġu shortlisted tliet offerti.

6.3.1 Ġie deċiż li tiġi eliminata l-offerta ta': WM Environmental Ltd minħabba li kien ser jiġi ddedikat ħaddiem wieħed full time u wieħed part time biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill ħass li dan mhux biżżejjed.

6.3.2 Ġie deċiż li tiġi eliminata l-offerta ta' Alexander Fenech minħabba li l-offerta tiegħu ta' 23,850 Ewro ma kinitx ser tkopri l-pagi ta' żewġ ħaddiema full time wara li jitnaqqas l-management fee u l-VAT.

6.3.3 Ġie deċiż li tiġi eliminata l-offerta ta' SRF & Veladrians minħabba li kienet l-ogħla offerta u ma kienx hemm inkluż work plan tax-xogħol.

6.3.4 Ġie deċiż li tiġi eliminata l-offerta ta' SSCS minħabba li l-Kunsill ma qabilx mal-work plan sottomessa.

6.3.5 Ġie deċiż li jiġu shortlisted it-tliet offerti li kien fadal ta' Owen Borg, Galea Cleaning Solutions u Twish Co Ltd. Ġie deċiż li jitwaqqaf Bord magħmul minn Marica Bayliss, Joan Farrugia u Dominic Cassar biex jiltaqa' ma' dawn it-tliet kuntratturi.

6.4 SGLC/T/04/15 Sweeping and Cleaning Zone B. Kien hemm diskussjoni rigward is-seba' offerti li rċieva l-Kunsill u kien hemm qbil li għandhom jiġu shortlisted tliet offerti.

6.4.1 Ġie deċiż li tiġi eliminata l-offerta ta' SRF & Veladrians minħabba li kienet l-ogħla offerta u ma kienx hemm inkluż il-workplan tax-xogħol.

6.4.2 Ġie deċiż li tiġi eliminata l-offerta ta' WM Environmental Ltd minħabba li kien ser jiġi ddedikat ħaddiem wieħed full time u wieħed part time biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill ħass li dan mhux biżżejjed.

6.4.3 Ġie deċiż li tiġi eliminata l-offerta ta' Alexander Fenech minħabba li l-offerta tiegħu ta' 26,320 Ewro ma kinitx ser tkopri l-pagi ta' żewġ ħaddiema full time wara li jitnaqqas l-management fee u l-VAT. Il-Kunsill ħass ukoll li żewġ full timers mhux adekwati għal din iż-żona.

6.4.4 Ġie deċiż li tiġi eliminata l-offerta ta' SSCS minħabba li l-Kunsill ma qabilx mal-work plan sottomessa.

6.4.5 Ġie deċiż li jiġu shortlisted it-tliet offerti li kien fadal ta' Owen Borg, Galea Cleaning Solutions u Twish Co Ltd. Ġie deċiż li jitwaqqaf Bord magħmul minn Marica Bayliss, Joan Farrugia u Dominic Cassar biex jiltaqa' ma' dawn it-tliet kuntratturi.

6.5 SGLC/T05/15 Sweeping and Cleaning Kappara. Kien hemm diskussjoni rigward din it-tender. Ġie deċiż li l-Kumitat tal-Kappara jiġi mogħti ż-żmien

biex jagħmel short list tal-offerti u jirrikomandaw huma l-offerta l-aktar vantaġġjuża.

6.6 SGLC/T/06/15 Domestic Waste Collection. Kien hemm diskussjoni. Ġie deċiż li jintalab rapport tekniku lill-Perit tal-Kunsill qabel ma tittieħed deċiżjoni.

Is-Sinjur Etienne Bonello Du Puis, is-Sinjura Rita Saliba u s-Sur Neville Mallia skużaw ruħhom mil-laqgħa fit-8.15pm.

**7 Affarjiet Oħra**

7.1 Is-Sinjura Marica fakkret li din is-sena hija l-50 sena mit-twaqqif tal-Paroċċa. Hi pproponiet li għal din l-okkażjoni jiġu mibdula l-globi li jinsabu fuq iz-zuntier kif ukoll tinxtara tifkira għal din l-okkażjoni. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**8 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.25pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu 2015 fil-5.30pm.

________________________ ________________________

**Kurt Guillaumier** **Etienne Bonello Du Puis**